# Pellegrinaġġi b'Inkwadru Vara

Guido Lanfranco

Meta nisimgħu l-kelma vara, mill-ewwel tiġi quddiem għajnejna statwa. Imma rridu niftakru li l-kelma vara hija antika aktar mill-istatwa tal-proċessjoni u għalhekk mhux bilfors tfisser statwa. Proċessjonijiet u pellegrinaġġi ilhom ħafna jsiru taħt għamla jew oħra fost il-popli kollha. Kull meta jkun hemm okkażjoni li fiha l-membri ta' komunità jridu juru qbil, ikunu ta' fehma waħda, juru kuraġġ lil xulxin, jiċċelebraw rebħa jew avveniment li jinteressa 'l kulħadd, jew jinsabu fl-istess kundizzjoni, hija ħaġa naturali li jingħabru flimkien f'laqgħa ta' manifestazzjoni li tista' wkoll tieħu għamla ta' proċessjoni jew mixja simbolika. Ta' min jiftakar li f'okkażjoni ta' ferħ, il-ferħ jinħass aktar meta jissieħbu aktar nies, u d-dispjaċiri u d-dwejjaq jonqsu jekk jinqasmu bejn kulħadd. Għalhekk naraw proċessjonijiet u pellegrinaġġi, funerali u protesti li fihom jiltaqgħu grupp ta' nies, għax dawn juru li pajjiż, parroċċa, partit, banda, raħal, belt, jew komunità oħra bħala unjoni ta' individwi bl-istess ħsieb, fehma u identità.

## Tifsira ta' vara

Sa mill-antik f'okkażjonijiet bħal dawn li semmejna jinġarru oġġetti jew simboli, biex juru biċ-ċar l-iskop ta' l-okkażjoni, bħalma fi żmienna jinġarru statwi, standardi, ritratti, armi jew stemma. Fil-pellegrinaġġi u l-proċessjonijiet ta' żmienna aħna naraw tinġarr ir-relikwa, l-istatwa u xi drabi l-inkwatru ta' l-okkażjoni. Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann aktar kienu jġorru r-relikwi u l-ikoni f'għadd kbir ta' ċelebrazzjonijiet u festi li kellhom il-Kavallieri assoċjati mal-knisja tagħhom ta' San Lawrenz fil-Birgu minn meta waslu Malta fl-1530, u komplew fil-knisja ta' San Ġwann tal-Belt Valletta meta bnewha wara l-assedju. Minbarra jew minflok relikwa ċ-ċelebrant kemm-il darba kien iġorr ikona. Din kienet tkun xbiha simbolika tal-Madonna mlibbsa bil-pjanċi tal-fidda. Imma l-aktar li kienu jużaw kienet ikona mpittra fuq l-injam imqasqsa madwar ir-ras. Din kienet ikona doppja għax fuq faċċata minnhom kien jidher wiċċ il-Madonna u fuq l-oħra wiċċ Kristu. Xi drabi, oħrajn kienu jġorru inkwatru, pittura tal-Madonna jew ta' qaddis ieħor biex jagħmlu translazzjoni minn post għall-ieħor. Waħda li nistgħu u nsemmu hi it-translazzjoni tal-kwadru ta' Sant' Anton Abbati li l-Kavallieri ġabu magħhom meta ġew minn Rodi, u ttrasferewh mill-Birgu għall-knisja tal-Vitorja fil-Belt il-ġdida. Għalkemm tissejjaħ Tal-Vitorja t-titular ta' din il-knisja huwa San Anton Abbati, u dak iż-żmien kienet il-knisja parrokkjali tal-Belt. Fil-proċessjoni li kienu jagħmlu l-Kavallieri fl-okkażjoni tat-8 ta' Settembru biex ifakkru r-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir, għamlu żmien iġorru magħhom pittura li turi lill-Gran Mastru La Valette.



L-inkwatru tal-Madonna Ta' Pinu fi Triq San Trofimu fl-4 ta' Lulju 1983 (ritratt G. Lanfranco)

Hawn irridu ngħidu li r-relikwa, l-ikona, l-istatwa, l-inkwadru jew xi arranġament simboliku ieħor li jinġarr fil-proċessjoni kollha jissejħu vara. Vara hi jew hu l-oġġett li jinġarr fil-manifestazzjoni. Ġieli nsibu f'xi kitbiet antiki li ħarġet proċessjoni bi tmien vari, bħalma kienu jagħmlu fil-festa tal-Kunċizzjoni l-fratelli tal-knisja ta' San Franġisk fil-Belt. Imma dawn ma kinux kollha statwi ħlief waħda mlibbsa. Il-kumplament kienu arranġamenti, simboli, bħallikieku *floats* biex ifissru partijiet mil-Litanija tal-Madonna.

Fis-sekli ta' żmien l-Ordni vari bħal dawn kienu wkoll isejħulhom makkine (*macchine*). Min-nofs is-seklu dsatax, wara li telqet l-Ordni ta' San Ġwann minn Malta, bdew isiru diversi statwi tal-kartapesta biex jinġarru fil-proċessjonijiet bħalma kienu jagħmlu wkoll bi statwi li jiżżarmaw biċċiet u jarmawhom meta tasal il-festa. Vari bit-teknika tal-kartapesta kienu eħfef u orħos minn dawk magħmulin mill-injam għalhekk saru aktar popolari.

## Inkwatri Vari f'pellegrinaġġi f'Tas-Sliema

Fost l-erba' parroċċi f'Tas-Sliema, dik tan-Nazzarenu biss għandha vara f'għamla ta' nkwatru. Fix-Xatt ta'

ikompli f'paġna 40

*ikompli minn paġna 37*

Tignè fl-1893 kienet inbniet knisja żgħira ddedikata lil Ġesù Nazzarenu u fl-1909għaddietf'idejnid-Dumnikani. Il-knisja t'issa bnewha matul is-snin erbgħin fis-snin tal-gwerra u ftit wara. Il-festa tan-Nazzarenu ssir għamla ta' pellegrinaġġ fit-tieni ġimgħa tar-Randan u fiha jinġarr l-inkwatru li jinżamm fil-knisja s-sena kollha.

Ma jsirux aktar pellegrinaġġi jew proċessjonijiet f'Tas-Sliema bl-inkwatru imma kull sena, f'Settembru, jgħaddi minn tas-Sliema mad-dawra tal-baħar, inkwatru tal-Madonna tal-Grazzja meta tkun qed issir il-festa tagħha f'Ħaż-Żabbar. Dan ikun qed jinġarr fuq karrozza mal-pellegrinaġġ tal-muturi li jsir filgħodu. Dan il-pellegrinaġġ tal-muturi bl-inkwatru beda jsir fl-1951 meta nkurunaw it-titular ta' Ħaż-Żabbar u kien jitlaq mir-Rabat. Fl-1955 beda jsir pellegrinaġġ ieħor tar-roti mir-Rabat għal Ħaż-Żabbar, għalhekk dak bil-muturi beda jitlaq mill-Mosta u jersaq lejn San Ġiljan u Tas-Sliema fejn idur mal-baħar bl-inkwadru u jibqa' sejjer.

Kellna inkwatru ieħor li darba għadda minn Tas-Sliema. Fl-1983 f'Malta kien hawn il-Kungress Marjan u wkoll il-Kungress Marjoloġiku Internazzjonali. Kien qed jiġi ċċelebrat ukoll iċ-ċentinarju ta' meta jingħad li f'Għawdex Karmni Grima semgħet leħen il-Madonna. Għalhekk l-inkwatru tal-Madonna ta' Pinu nġieb Malta u fit-3 ta' Lulju mill-Port il-Kbir tellgħuh fil-knisja ta' San Ġwann. Fil-jiem ta' wara kellu jżur diversi parroċċi, fejn kellhom isirulu xi pellegrinaġġi, fosthom il-Balluta, Tas-Sliema, Raħal ġdid, Ħal Qormi, r-Rabat, l-Imdina, San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa mnejn kellu jerġa' lura lejn Għawdex fil-11 ta' Lulju. L-inkwatru tal-Madonna ta' Pinu ġie Tas-Sliema mill-Balluta fl-4 ta' Lulju filgħaxija u għadda mit-triq tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Triq San Trofimu, għal parroċċa ta' San Girgor.


# Hyacinth Hair

**87, St. Trophimus Street, Sliema**

*(Near Sacro Cuor Church)*

**Tel: 2133 2760**

**• Hair Cuts • Styling •**
**• Blow Dry • Hair Colouring •**
**• Perming, etc...**




Chesterfield

**Upholstery & Interiors**

***Re-Upholstery Accepted***

Rudolph Street, Sliema SLM 14, Malta

E-mail: chesterfield@euroweb.net.mt • Tel: 2134 5063 • Mob: 9942 2083